# Għeluq is-sittin sena mit-twaqqif ta' Lija Athletic F.C.

## - rinnovazzjoni li saret fil-klabb - 15.02.09

*minn C. Bonnici - Segretarju*

Is-sena 2009 taħbat is-sittin anniversarju mill-fondazzjoni ta' **Lija Athletic F.C.** F'din is-sena wkoll tlesta x-xogħol estensiv ta' żvilupp li sar fil-bini tal-każin fis-sular ta' fuq. Biex jiċċelebra din l-okkażjoni doppja, il-kumitat unanimament qabel li għandu jitħejja programm ta' attivitajiet nhar **il-Ħadd, 15 ta' Frar 2009**, filgħodu, fil-każin stess. Ġew mistiedna għadd numeruż ta' persuni li għandhom konnessjoni mal-każin; nies min-naħa tal-kumitat, għaqdiet tar-raħal, u oħrajn bħas-Sinjuri Colin Ciantar u Gordon Micallef, id-diretturi tal-bar tal-każin stess.

Il-programm kollu ta' dakinhar kien hekk:

10.30a.m. - Kulħadd iltaqa' fil-*bar area*

10.45a.m. - 'L-ISTORJA TAL-FUTBOL F'ĦAL LIJA' – Kitba u Qari ta' Carmel Bonnici, Segretarju

10.55a.m. - Messaġġ mis-Sur Bernard Vassallo – Chairman. KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

11.00a.m. - Messaġġ mill-President tal-MALTA FOOTBALL ASSOCIATION – Dott. Joseph Mifsud LL.D.

11.05a.m. - Messaġġ mill-President tal-Klabb LIJA ATHLETIC F.C. – is-Sur Charles J. Scerri

11.10a.m. - Preżentazzjonijiet

11.30a.m. - Kxif ta' lapida kommemorattiva mill-President tal-Klabb u Tberik mill-Kappillan, il-Wisq Reverendu Dun David Gauci

11.35a.m. - Riċeviment

Bħala *compère* kellna lis-Sinjura Bridget Scifo li hi minn Ħal Lija stess, u li r-raġel tagħha hu eks-plejer tal-Klabb.

Is-Segretajru, s-Sur C. Bonnici beda biex tkellem dwar l-istorja tal-futbol f'Ħal Lija. Semma l-bidu iebes li ħabbat wiċċu miegħu l-klabb tagħna, speċjalment sakemm ġie allokat fl-eks-Każin Liense, li kien magħruf bħala l-Każin il-Kbir peress li kien l-ewwel wieħed li twaqqaf fir-raħal tagħna fl-1878. Is-sena 1949 kienet is-sena li twaqqaf it-tim ta' Ħal Lija fejn ingħata l-isem ta' Lija Athletic Football Club. It-tim lagħab l-ewwel logħba kompetittiva tiegħu fit-2 t' Ottubru 1949 u kien rebaħ bl-iskor ta' 3-1 kontra Marsaskala F.C. L-ewwel każin kien ġo post żgħir fi Triq il-Forn. Wara ftit id-diriġenti tal-Każin San Mikiel (li llum m'għadux jeżisti) ta' Triq Merino, offrew il-lokal tagħhom lit-tim il-ġdid. Fl-1952, il-kumitat kera post Sant'Andrija, fejn it-tim dam hemm sa Jannar 1959. Wara ftehim bejn il-kumitat u dak tal-Każin Liense, it-tim iċċaqlaq għall-aħħar darba u sal-lum għadu jokkupa dan il-post.

L-ewwel President kien is-Sur John C. Friggieri li dam jokkupa din il-kariga għal ħames snin sħaħ. Is-Segretarju kompla jsemmi l-progress tat-tim matul il-milja tas-snin u l-unuri kollha mirbuħa. (*lista ta' dawn l-unuri tinsab fl-aħħar ta' dan ir-rapport*). Avvenimenti importanti oħra li seħħew fl-istorja tal-klabb tagħna huma:

a. It-tlett darbiet li t-tim tagħna rnexxielu jikkompeti fid-Diviżjoni Premier tal-M.F.A.

b. F'Ġunju tal-1972 inqatgħet ix-xewqa ta' ħafna membri u sostenituri tal-Każin, meta, għall-ewwel darba, il-każin kellu l-bandiera tiegħu.

c. Fis-sena 1975 ġie nawgurat il-grawnd ta' Ħal Lija li qiegħed biswit l-iskola primarja tar-raħal.

d. Fis-sena 1988 sar xogħol strutturali fil-każin, fejn inbniet sala isfel għall-mejda tal-biljard u l-*Bar* tpoġġa f'post ieħor.



**Il-bandiera tal-każin tal-Futbol Lija Athletic tidher tittajjar fuq il-bejt tal-każin.**



e. Nhar it-28 ta' Ġunju 1995, kontinġent imdaqqas mill-Klabb għamel mawra fit-Tuneżija u anki ntlagħbet logħba futbol.

f. Fis-sena 2002 ġiet imwaqqfa l-Lija/Iklin Football Nursery, fejn il-Klabb daħal bi sħab mal-Kunsill Lokali tal-Iklin. Din l-okkażjoni ġiet imfakkra bi plakka kommemorattiva, li tinsab fl-intrata tal-każin, nhar il-Ħadd 28 ta' Diċembru 2008. Il-kelliema ewlenin kienu l-President tal-Klabb, is-Sur Charles J. Scerri, il-Moderatur tas-sotto kumitat Lija / Iklin Football Youth nursery is-Sur Toni Dalli – Sindku tal-Iklin, l-Onor. Ministru Tonio Fenech, Ministru tal-Fiananzi, u l-Onor. Viċi Prim Ministru Dott. Tonio Borg, Ministru tal-Affarijiet Barranin.



**Il-President jidher qed jikxef lapida tal-okkażjoni.**



Il-President ta' Lija Athletic jidher qed jagħmel diskors tal-okkażjoni



Is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali jidher qed jagħti rigal tal-okkażjoni




**Il-President tas-Soċjetà jidher qed jippreżenta rigal tal-okkażjoni lis-Sur Charles Scerri, President ta' Lija Athletic F.C.**

Wara, iċ-*Chairman* tal-Kunsill Malti għall-Isport, is-Sur Bernard Vassallo spjega li l-Kunsill tiegħu hu dejjem lest biex jgħin lill-għaqdiet sportivi fil-kawżi ġustifikati tagħhom. Dott. Joe Mifsud LL.D., il-President tal-M.F.A., tkellem dwar l-għajnuna finanzjarja li l-M.F.A. tagħti permezz ta' fondi mill-U.E.F.A. biex isiru grawndijiet bil-ħaxix artifiċjali, eċċ. Fost dawn semma' dak tal-ħaxix sintetiku li jinsab fl-Iskola Primarja Annibale Preca ta' Ħal Lija u l-għajnuna li ser tingħata lil Lija Athletic F.C. biex jiġi żviluppat il-grawnd Lija/Balzan, ukoll bil-ħaxix artifiċjali.

Kien imiss issa lill-President tal-Klabb, is-Sur C. Scerri li fil-messaġġ tiegħu tkellem dwar ix-xogħol kollu li sar fil-każin dan l-aħħar fejn diversi membri tal-kumitat ħadmu bla heda u b'mod volontarju. Mertu għal dan imur ukoll lill-kerrejja tal-bar, is-Sinjuri Colin Ciantar u Gordon Micallef. Il-President għalaq billi enfasizza li l-każin issa sar wieħed mill-aqwa li hawn f'pajjiżna, b'bar tassew komdu, spazjuż u modern, għall-kumdità ta' dawk kollha li jiffrekwentaw il-lokal tagħna. Semma' wkoll li l-grawnd tal-ħaxix sintetiku, wara ħafna taqtigħ il-qalb, tlesta u qiegħed jintuża kemm mit-tfal tal-iskola primarja, kif ukoll minn dawk tan-*Nursery*. Dan il-proġett sar bis-saħħa ta' għajnuna finanzjarja mill-Kunsill Lokali Lija, mill-Kunsill Malti għall-Isport, mill-Fond għall-Kawżi Ġusti u mill-fondi tal-klabb stess.

# Unuri mirbuħa mill-Klabb

LIJA ATHLETIC F. C. *AD 1949*

**PROMOZZJONI** FIL-**PREMIER** LEAGUE :

**3 Darbiet** (1995-1996, 2000-2001, 2003-2004)

**PROMOZZJONI** FL-**EWWEL** DIVIŻJONI :

**3 Darbiet** (1979-1980, 1987-1988, 1994-1995)

**PROMOZZJONI** FIT-**TIENI** DIVIŻJONI :

**3 Darbiet** (1962-1963, 1977-1978, 1993-1994)

**REBĦ** TAN-**KNOCK-OUT TIENI/TIELET** DIVIŻJONI:

Staġun **1993-1994**

**REBĦ** TAL-**KAMPJONAT** TAT-TIM TAN-**NISA:**

Staġun **1996-1997**

**REBĦ** TAS- **'SONS OF MALTA' CUP:**

Staġun **1978-1979**

**REBĦ** TAR-**RESERVES LEAGUE:**

Staġun **1975-1976** – Rebbieħa tat-**III** Diviżjoni

**a-** Staġun **1985-1986** – Rebbieħa tat-**II** Diviżjoni

**REBĦ** TAL-**YOUTHS** ***MINORS***:

- Staġun **1977-1978** – Rebbieħa Sezzjoni "**B**"
- Staġuni **1971-72, 1976-77, 1986-87** – Rebbieħa Sezz. "**Ċ**"
- Staġun **2002-2003** – Rebbieħa tal-Youth "**A**" Knock-Out
- Staġun **2006-2007** – Rebbieħa tal-**U/19** Youth Knock-Out
- Promozzjoni għal Sezzjoni "**A**"



**REBĦ** TAL- **'GOOD CONDUCT CERTIFICATE'**: **7 darbiet**

**REBĦ** TAL- **'FAIR-PLAY AWARD'** : **4 darbiet**

PARTEĊIPAZZJONI – 60 Sena ta' futbol

| | |
|---|---|
| DIVIŻJONI PREMIER | **3** STAĠUNI |
| L-EWWEL DIVIŻJONI | **11**-IL STAĠUN |
| IT-TIENI DIVIŻJONI | **21** STAĠUN |
| IT-TIELET DIVIŻJONI | **25** STAĠUNI |

Il-President ikkonkluda billi tkellem fuq it-tim tal-futbol u qal li dan l-istaġun il-pożizzjoni tat-tim kienet waħda tajba minkejja l-ħafna diffikultajiet li ltaqgħu magħhom. Hu awgura li fi żmien qarib il-Klabb jikseb aktar suċċessi fil-qasam tal-futbol Malti.

L-Onor.Tonio Fenech, Ministru tal-Finanzi, tkellem dwar l-għajnuna finanzjarja li l-Ministeru tiegħu qed jagħti permezz tal-Fond għall-Kawżi Ġusti u l-Onor. Viċi Prim Ministru, Dott. Tonio Borg, qal li l-Ministeru tiegħu u d-Dipartiment tal-Artijiet ħarġu titlu validu għall-użu ta' dan il-grawnd.

Wara dawn il-messaġġi kollha saru xi preżentazzjonijiet minn każini u għaqdiet ta' Ħal Lija. Kien imiss umbagħad li tinkixef lapida kommemorattiva mill-President tal-Klabb, li tbierket minn Mons. Ġużeppi Fenech. Il-mistednin kollha preżenti kienu ġentilment mitluba jitilgħu fis-sular ta' fuq sabiex japprezzaw ir-rinnovazzjonijiet strutturali li saru, l-aktar fis-sala l-ġdida tal-biljard, u hemm sar riċeviment żgħir. F'kull kamra ta' fuq twaħħlet lista ta' plejers (aħwa jew tal-parentela tal-istess familja) li ħadu parti mat-tim tagħna mill-1949 s'issa.

Il-kumitat ra li tkun ħaġa xierqa li jagħti tifkira żgħira lil dawk il-persuni li għadhom ħajjin u li llum għandhom mat-tmenin sena jew aktar, u li kienu jiffurmaw parti mill-ewwel kumitat jew tim ta' Lija Athletic F.C. Dawn is-sinjuri huma Carmelo Abela, Carmelo Risotto, Joseph S. Pirotta, Saviour Farrugia, Nazzareno Camilleri, Carmelo Theuma u Louis Khalaf. Peress li l-aħħar tnejn imsemmija ma setgħux jattendu peress li huma msifrin, ir-rigali tagħhom intbagħtu l-Kanada u l-Awstralja rispettivament.

Kienu ħafna l-persuni li ffirmaw il-*Visitors Book*.

---

*Il-Kumitat ta' Lija Athletic F.C. jixtieq minn qalbu jirringrazzja lill-Kumitat tal-Każin, Soċjetà Sant'Andrija talli ġentilment offrew li jinġieb dan ir-rapport fil-ktejjeb annwali li din is-Soċjetà toħroġ għall-jiem tal-festa.*